# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA’ NHAR IT-TNEJN, 26 TA' MARZU, 2001

*Avviz. Nru 1836/00 AJD*

Xalat Co. Ltd.

vs

Anthony Borg

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Novembru, 2000, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u wiehed u ghoxrin liri Maltin u erbghin centezmu (Lm221.40) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mixtrija mill-konvenut u kkonsenjata lilu, li baqghet ma thallsitx, kif gie ammess mill-konvenut stess.
Bl-ispejjes, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta' attrici fis-seduta tas-26 ta' Frar, 2001, fejn din cediet is-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza, izda zammet ferm il-kap tal-ispejjes.

Ghaldaqstant, it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu, jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-ispejjes ta' din l-istanza.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR